MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 487/2007

**A B**
**vs**
**C B gia D; EF G xebba H;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat[1] tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta:

1. “Illi l-esponent kien izzewweg lill-intimata EF G (xebba H) fid-29 ta' Dicembru 1963;

2. Illi l-esponent u l-intimata EF G isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tat-2 ta' Marzu 1968;

---

[1] Fol. 1

3. Illi z-zwieg ta' bejn l-esponent u l-intimata EF G gie sussegwentement iddikjarat null b'decizjoni tat-Tribunal ekklezjastiku ta' Ruma tal-15 ta' Dicernbru 1971, liema decizjoni giet ikkonfermata mit-Tribunal ta' l-Appell finalment fl-24 ta' April 1972;

4. Illi fl-4 ta' Lulju 1967 twieldet l-intimata C B gia D gewwa Blue Sisters Maternity Home;

5. Illi fl-att tat-twelid tal-intimata C B bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni sitt mija u wiehed u tmenin (681) tas-sena 1968, l-esponent gie imnizzel bhala l-missier ta' l-intimata C B;

6. Illi kif se jigi ppruvat l-intimata C B gia D mhijiex il-wild naturali ta' l-esponent u dan kif anke ser jigi ppruvat permezz ta' testijiet xjentifici tad-DNA;

Talab li din il-Qorti:-

1. “Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata C B gia D li twieldet mill-intimata EF G fl-4 ta' Lulju 1967, mhix bint l-esponenti A B kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 681/1968. u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u konsegwentement;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-intimata C B gia D li jgib in-numru li jmiss ta' iskrizzjoni 681/1968 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-esponenti u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: 'Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "eta'", "fejn twieled", "fejn joqghodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown"/jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti, kif ukoll tordna li mill-imsemmi att ghandhom ukoll jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta' l-omm, u tordna kull modifika ohra li tista' tkun mehtiega f'dan l-att u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni."

Rat il-listi ta' dokumenti u tax-xhieda tal-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku[2]:-

1. "Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti".

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti C B u EF G[3] fejn eccepew:-

1. "Illi l-azzjoni odjerna hija diga' res judicata u ghalhekk din l-Onor Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, biex l-azzjoni ta' denegata' paternita' tirnexxi jehtieg li jkunu prezenti l-elementi u l-provi kollha rikjesti mill-ligi, specjalment in vista tan-natura tal-azzjoni li hija serja u delikata u certament tinfluwixxi fuq il-hajja tal-esponenti C B;

[2] Fol. 47
[3] Fol. 50

3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m' ghandhomx ibatu l-ebda spejjez fil-proceduri odjerni”.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti B u G.

Rat li l-konvenuti B u G irtiraw l-ewwl eccezzjoni taghhom.[4]

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuta C B[5] fejn eccepiet:-

1. “Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li la darba l-esponenti ilha tgawdi minn u tipposjedi stat ta’ legittima tul hajjitha kollha, ai termini tal-Ligi dan l-istat ma jista’ jigi attakkat minn hadd.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.”[6]

**Sentenzi *in parte*.**

Rat is-sentenza *in parte* ta’ din il-Qorti diversament preseduta tat-28 ta’ Ottubru 2008[7] li permezz taghha cahdet it-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta B u d-dikjarat li l-azzjoni attrici ma kinitx preskritta.

Rat is-sentenza *in parte* ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-26 ta’ Jannar 2012[8] li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta C B u ddikjarat li l-konvenuta C B ma kinitx tipposjedi stat konformi ma’ l-att tat-twelid taghha u dan wara li kien irrizulta mill-provi migbura illi sa minn qabel ma twieldet il-konvenuta C B, l-attur A B kien sostna, u baqa’ jsostni anke wara li twieldet, illi l-konvenuta C B ma kinitx bintu. Gie ghalhekk deciz f’dik is-sentenza illi una volta l-

---

[4] Fol. 54
[5] Fol. 86
[6] Iz-zewg eccezzjonijiet ulterjuri gew ammessi fl-atti b’digrieti tal-4 ta’ Gunju 2008 u tal-4 ta’ Novembru 2008 rispettivament.
[7] Fol. 189
[8] Fol. 719

konvenuta C B ma kinitx tipposjedi stat li hi bint l-attur kif kien jghid ic-certifikat tat-twelid taghha, ma kienx hemm ostakolu legali sabiex l-attur jipprocedi bil-kawza ta' *denegata' paternita*'.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**.

Fl-4 ta' Lulju 1969 twieldet il-konvenuta C B mill-konvenuta EF G fiz-zmien li din ta' l-ahhar kienet mizzewga lill-attur A B.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur A B qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-konvenuta C B, mhijiex fil-fatt bint l-attur.

Kif gia premess supra, iz-zewg eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta C B gew michuda b'zewg sentenzi *in parte* moghtija precedentement filwaqt li l-ewwel eccezzjoni fir-risposta guramentata tal-konvenuti B u G kienet giet irtirata.

Ghalhekk l-unika eccezzjoni tal-konvenuti fil-mertu li jonqos li tigi trattata u deciza hija it-tieni eccezzjoni li hi s-segwenti:-

**"2. …..biex l-azzjoni ta' denegata paternita' tirnexxi jehtieg li jkunu prezenti l-elementi u l-provi kollha rikjesti mill-Ligi, specjalment in vista tan-natura tal-azzjoni li hija serja u delikata u certament tinfluwixxi fuq il-hajja tal-esponenti C B."**

**Provi**.

L-attur A B u l-konvenuta EF G kienu zzewgu fid-29 ta' Dicembru 1963.[9]

Jirrizulta li l-hajja matrimonjali taghhom kienet gia' f'diffikulta' mill-ewwel xhur li zzewgu. Fil-fatt gie sodisfacentement ippruvat illi ftit xhur wara li zzewgu l-konvenuta EF G kellha relazzjoni adultera ma' certu Peter Stevens.[10] Irrizulta wkoll illi matul l-ewwel ftit xhur taz-zwieg taghhom il-konvenuta EF G riedet titlaq lill-attur. Fil-fatt telqet mid-dar matrimonjali u kienet qed tippjana li tmur tirrisjedi fl-esteru. Kien intervjena Fr Charles Vella u kkonvinciha li tibqa' Malta. Ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta G ma kinitx siefret pero' ma rritornatx mill-ewwel fid-dar matrimonjali u marret tirrisjedi mal-genituri taghha. Lejn l-ahhar tas-sena 1964 l-attur u martu l-konvenuta B ftehmu li jaghmlu tentativ li jsalvaw iz-zwieg taghhom u hi marret lura fid-dar matrimonjali.[11]

Pero' l-inkwiet bejn il-kopja B ma damx ma rega tfacca. Gie sodisfacentement ippruvat illi fid-disa' xahar qabel it-twelid tal-konvenuta C B, il-konvenuta EF G kellha relazzjoni intima ma' certu Albert G. Tammetti li bejniethom kienet sehhet relazzjoni sesswali intima inkluz kongungiment karnali izda tghid li dan Albert G ma hux missier il-konvenuta B peress li waqt l-att sesswali intuza l-metodu imsejjah "withdrawal".

EF G xehdet illi hija kienet f'relazzjoni mal-imsemmi Albert G qabel ma sseparat minn ma' l-attur. Ikkonfermat li dan kien fiz-zmien li kienet harget tqila bil-konvenuta C B. Tghid li fid-disa' xahar qabel twieldet C B hija kellha diversi relazzjonijiet intimi mal-attur A B u relazzjoni intima jew tnejn ma' Albert G. Xehdet li hija dejjem emmnet li C B mahijiex bint Albert G peress li skont il-konvenuta l-kongungiment karnali kien gie interrott.

Min-naha tieghu l-attur cahad illi fiz-zmien li l-konvenuta C B giet koncepita huwa u l-konvenuta G kien ikollhom

[9] Certifikat taz-Zwieg ezebit a fol. 5
[10] Dan jirrizulta mill-affidavit tal-attur (fol. 413) u mill-kontro-ezami ta' EF G (fol. 379) u l-affidavit taghha (fol. 739).
[11] Affidavit ta' EF G a fol. 204; Affidavit ta' A B a fol. 413;

relazzjoni sesswali intima hlief ghal okkazzjoni wahda. Jghid li qabel ma l-konvenuta G bdiet tifrekwenta lil Albert G, l-attur u l-konvenuta G kienu intimi sesswalment b'mod regolari ghalkemm l-attur kien juza l-metodu tal-'withdrawal' peress li EF ma ridietx tfal. Il-fatt li ma ridietx tfal minn l-attur huwa ippruvat mid-diversi xhieda li gew prodotti f'dawn il-proceduri; kif ukoll mix-xhieda li nghatat mill-attur u mill-konvenuta G waqt il-proceduri ghall-annullament taz-zwieg taghhom li waslu ghad-decizzjoni tas-Sacra Rota li xoljiet iz-zwieg ta' bejn l-attur u l-konvenuta G.[12]

L-attur xehed li f'dak iz-zmien l-inkwiet matrimonjali rega' gholla rasu bejniethom meta l-attur kien sar jaf li l-konvenuta G bdiet relazzjoni adultera ma' Albert G. Jirrizulta minn diversi xhieda li din ir-relazzjoni ta' bejn mart l-attur u dan Albert G kienet wahda aperta. F'dak iz-zmien l-attur u l-konvenuta G ma baqghux jorqdu fl-istess kamra.

L-attur jiddeskrivi okkazzjoni fejn kien irritorna lura d-dar minn mawra barra minn Malta u sab lill-konvenuta G b'attitudni differenti minn tas-soltu mieghu. Jghid li kif ratu bdiet tifrah bih u spiccaw fil-karma tas-sodda li kienet tuza dak iz-zmien hi. Kellhom x'jaqsmu sesswalment izda l-attur isostnli li bhal ma kien jigri qabel huwa kien uza l-metodu tal-'withdrawal'. Jispjega li din l-okkazzjoni sehhet ftit zmien qabel ma qaltlu li kienet tqila.

Fix-xhieda taghha EF G ma tichadx li anke f'dik l-okkazzjoni l-attur kien uza l-metodu tal-'withdrawal'. Tghid pero' li meta sehh dak l-episodju bejnha u bejn l-attur hi kienet diga tqila b'C: "Meta A gie lura mill-vaganza, jiena diga' kelli 4 xhur tqala."[13]

Appena l-konvenuta G informat lil zewgha l-attur li kienet tqila, huwa akkuzaha li l-wild li kienet qed iggor ma kienx tieghu u sakkarha barra mid-dar matrimonjali. Minn

---

[12] Kopja tas-sentenzi tat-Tribunali Ekklezjastici ta' Ruma tal-Prim' Istanza u ta' l-Appell jinsabu ezebiti fil-lingwa originali bil-Latin a fol. 14 et. seq. bit-traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza tinstab a fol. 65 et. seq.
[13] Fol. 740

dakinhar huma sseparaw *de facto* u qatt ma regghu lura taht l-istess saqaf.

Eventwalment fl-4 ta’ Lulju 1967 twieldet il-konvenuta C B.

Mill-kopja tac-certifikat tat-twelid ezebiet jirrizulta li t-twelid ta’ C B gie registrat fir-Registru Pubbliku fl-14 ta’ Frar 1968, cioe’ seba’ xhur wara t-twelid, meta il-ligi dak iz-zmien kienet tezigi li twelid ta’ tarbija jigi registrat entro hamest ijiem. Dwar dan l-attur xhed is-segwenti:-

“Niftakar car li wara li twieldet C kont kellimt lill-missier EF u kont ghidtlu li jien ma kont ser niffirma ebda dikjarazzjoni li jien missier it-tarbija, pero’ it-Tabib H baqa’ jinsisti u jaghmel pressjoni fuqi biex nnizzel li jien kont missierha. Jien kont taht l-impressjoni dak iz-zmien li l-unika persuna li setghat tiddikjara twelid gdid kien ir-ragel ta’ l-omm u kien ghalhekk, ukoll fost hafna pressjoni mill-Pulizija, li jien irregistrajt lit-tarbija C bhala binti fir-Registru Pubbliku. Dan ghamiltu fl-14 ta’ Frar 1968, aktar minn seba’ xhur wara li twieldet it-tarbija u fuq il-kundizzjoni miftiehma verbalment mat-Tabib H u ma’ EF li lit-tarbija jsirulha t-testijiet tad-demm. Dawn kienu qablu dwar dan.”[14]

Sussegwentement il-konjugi B resqu ghall-pubblikazzjoni ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali. Fuq il-kuntratt l-attur intrabat li jhallas alimenti ghat-tarbija. Jghid li dan ghamlu ghax kien hemm il-qbil li jsir it-test tad-demm.

L-attur jghid li ghalkemm kien hemm dan il-qbil, sussegwentement il-konvenuta G kienet irrifjutat li hi jew bintha jigu sottoposti ghat-test tad-demm. Dan hu konfermat mill-istess EF G u timmotiva r-rifjut taghha ghal pika:

“Bhala pika, irrifjutajt bhala pika.”[15]

[14] Affidavit tal-attur, para 29 fol.415
[15] Kontro-ezami tal-konvenuta G a fol. 388

L-attur ressaq diversi xhieda li kkonfermaw li huwa mill-ewwel kien cahad li t-tarbija kienet tieghu. Fost dawn ix-xhieda ressaq lir-**Reverendu Fr. Charles Vella**, habib tal-attur minn qabel ma l-partijiet izzewgu. Fr Vella xhed li l-attur dejjem sostna mieghu li l-konvenuta C B ma kinitx bintu:

“Ghidtlu imma kif? Possibbli?. U pperswadini certi cirkostanzi u dati li din it-tfajla ma kinitx tieghu”

”Dejjem sostna li ma kinitx tieghu.”[16]

Mistoqsi meta kien jiltaqa’ ma’ l-attur wara s-separazzjoni kienx isemmi lill-konvenuta C B irrisponda fl-affermattiv: “Gieli iva kien isemmiha u dejjem kien isemmiha bhala mhijiex bintu”. Jghid li dwar dan l-attur kien jaghmel emfasi: “Iva tant li jiena kont dejjem nghidlu oqghod attent, ara sewwa l-affarijiet u dejjem kien jinsisti li ried l-ezami tad-demm u veru naf ukoll li l-papa’ tal-mara, Dr. H, kien qallu li jaqbel biex isir ezami tad-demm u mbaghad wara regghu bidlu l-opinjoni.”

Mar-rifjut definittiv li jsir it-test tad-demm l-attur qata’ kull kuntratt mal-konvenuta G u mat-tarbija li dak iz-zmien kellha madwar sena u nofs. Minn dak iz-zmien sakemm C B kellha circa erbatax-il sena l-attur ma rahiex aktar u qata’ kull kuntatt hlief li jhallas il-manteniment li kien intrabat li jhallas skont il-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

Imbaghad gara illi meta C B kellha circa erbatax-il sena hija kienet attendiet ghal festin fid-dar tal-attur takkumpanja habib tal-attur u minn hemm l-attur beda jaraha okkazzjonalment. Ghalkemm hemm kuntrast bejn l-attur u C B jekk l-attur kienx mistieden ghat-tieg taghha, bhala fatt jirrizulta li huwa ma attendiex ghat-tieg taghha.

**Test tad-DNA fis-sena 1990**.

[16] Fol. 470-471

Fis-sena 1990 l-attur kien talab lil C B, li allura kellha tlieta u ghoxrien sena u kienet mizzewga, sabiex imorru flimkien fl-*Institute for Forensic Medicine* gewwa Basle l-Isvizzera sabiex isirilhom test tad-DNA mill-Professur Dr.Richard Dirnhofer[17] sabiex jigi stabbilit xjentifikament jekk hi kinitx bintu. Hija accettat u f'Mejju 1990 telghu Basle ghand il-Professur Dirnhofer u ittehdilhom kampjun tad-demm. Ir-rizultat inhareg fl-20 ta' Settembru 1990 u jaqra hekk:-

*"The alleged father, Mr A B, is excluded as the biological father of the child Mrs C D nee' B.*

*The test was carried out twice. Exclusion is based on the application of two DNA probes.*

*I certifiy that the above testing was conducted in accordance with the recommended guidelines for DNA testing and the conclusions are correct as reported.*

*The results and conclusions described in this report have been reviewed by the people named below:*

*Dr Manfred Hochmeister*
*Urs Borer*

*Sig. Dirnhofer*".[18]

Il-Professur Dirnhofer permezz ta' stqarrija guramentata maghmula fis-16 ta' Gunju 2006 quddiem in-Nutar Pubbliku Hanspeter Hausener gewwa Bern[19] iddikjara s-segwenti:-

---

[17] F'**curriculum vitae tal-Professur Dirnhofer** li jinsab a fol. 404 jinghad illi huwa iggradwa M.D. mill-Universita' ta' Innsbruck, l-Awstria, fis-sena 1961 u fis-sena 1978 otjena Diploma bahal specjalista fil-medicina forensika mill-Foederatio Meidcorum Helveticorum ta' l-Isvizzera. Ghal dawn l-ahhar 20 sena tqabbad bhala espert tal-qorti f'pajjizu f'numri ta' kawzi "to give my evidence on issues concerning forensic medicine including DNA testing. Fis-sena 1984 gie appuntat Professur tal-Medicina Forensika fl-Universita' ta' Basle u mis-sena 1991 sas-sena 2005 kien Professur tal-Medicina Forensika fl-Universita' ta' Bern.

[18] Fol. 407

[19] Fol. 404

"I took the blood samples from Mr B and Mrs D nee' B and carried out the DNA testing myself. On September 20, 1990, I issued the report attached to this statement, which is marked 'Document RD1', wherein I concluded that Mr A B was excluded from being the biological father of Mrs C D born B. I hereby confirm that the attached report was drafted by myself and I further confirm the veracity and correctness of its contents, results and conclusions. The results have been confirmed by a second DNA test also carried out by myself.

As stated in the attached report, the result and conclusions described in the report have been reviewed and confirmed by Dr Manfred Hochmeister (Head of the DNA Laboratory of the Forensic Medicine Department at the University of Basle) and Mr. Urs Borer (Assistant Head of the DNA Laboratory of the Forensic Medicine Department at the University of Basle)."

L-istqarrija hi segwita bid-dettalji tad-DNA Paternity Test inkluz kopji tal-'autoradiogram'.[20]

**Kawzi Kostituzzjonali.**

Peress li l-ligi kif kienet fiz-zmien li saru l-imsemmija testijiet tad-DNA kienet tiprekludi lill-attur milli jistitwixxi kawza ta' *denegata paternita'*, fis-sena 1996 l-attur fetah kawza kostituzzjonali f'Malta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fejn talab dikjarazzjoni li l-ligi dak iz-zmien kienet tilledilu d-dritt fondamentali tieghu protett bil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drttijiet tal-Bniedem.. L-Ewwel Qorti kienet tat ragun lill-attur fis-sens illi safejn il-ligi, bl-Artikoli 70 u 73 tal-Kodici Civili kif kienu dak iz-zmien, ma kinitx tippermetti lill-attur, qua r-ragel ta' omm it-tarbija, milli juri bi provi xjentifici u genetici li t-tarbija ma kinitx bintu, kienu qed jigi miksur id-dritt fondamentali tieghu ghall-harsien tal-hajja privata u tal-familja tieghu mhares taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni

[20] Fol. 407 et. seq.

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem maghmul parti mil-ligi ta’ Malta fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta[21].

Gara izda illi minn appell interpost minn dik is-sentenza mill-Avukat Generali, l-Qorti Kostituzzjonali bhala Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti u cahdet it-talbiet ta’ A B.[22]

Ghaldaqstant l-attur kien irrikorra quddiem il-**Qorti Ewropea tad-Drittijeit tal-Bniedem** li b’sentenza tat-12 ta’ Jannar 2006[23] iddikjarat illi l-ligi Maltija vigenti dak iz-zmien kienet tilledi d-dritt tal-attur protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

B’konsegwenza tas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem appena citata l-Parlament Malti ippromulga **l-Att VII tas-sena 2007** li introduca l-Artikolu 70 (d) tal-Kodici Civli li jipprovdi illi:-

***“Ir-ragel jista’ jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg –***

***- omissis -***

***“(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk, jipprova xi fatt iehor ( li jista’ wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x’aktarx jeskludu dik il-paternita’.”***

Sussegwentement l-attur istitwixxa l-kawza odjerna bis-sahha tal-ligi kif emendata u talab li l-Qorti tiddikjara li huwa ma hux missier il-konvenuta C B

**Konsiderazzjonijiet ta’ Dritt**.

[21] Sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet A B vs Avukat Generali moghtija fit-30 ta’ Mejju 1997.
[22] Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet A B vs Avukat Generali moghtija fil-15 ta’ Jannar 2002
[23] B vs. Malta

Kif rajna l-attur istitwixxa l-kawza odjerna in forza ta' l-**Artikolu 70 (d) tal-Kodici Civli** li jipprovdi illi:-

"Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg –

- omissis -

"(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk, jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'."

Qabel l-emenda ghall-Artikolu 70 tal-Kap. 16 fis-sena 2007, ragel mizzewweg seta biss jipprocedi b'kawza ta' *denegata paternita'* jekk jirnexxielu jipprova jew li kien fizikament impossibbli li jersaq lejn martu fiz-zmien tal-koncepiment tat-tarbija bhal perezempju li kien barra minn Malta jew li kien separat legalment minn martu.

Jigi osservat illi fl-era hekk imsejha moderna, it-test tad-DNA f'kawzi ta' dikjarazzjoni ta' paternita' jew ta' *denegata paternita'* gabu element qawwi ta' certezza li kien inezistenti qabel ix-xjenza ghamlet dan l-avvanz. Fiz-zminijiet aktar imbeghda, meta t-test tad-DNA ma kienx ghadu jezisti, il-prova ta' filjazzjoni kien ezercizzju mill-aktar difficli. Issegwi kazistika dwar filjazzjoni fiz-zmien antecedenti l-iskoperta tad-DNA u meta l-oneru tal-prova f'kawzi ta' filjazzjoni kien mill-aktar oneruz.

Fil-kawza **Rosaria Grima noe. vs Carmelo Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Gunju 1952 gie deciz illi: -

"*Il-massima segwita u adottata mit-tribunali Maltin f'materja ta' filjazzjoni naturali hija illi, fl-indagini tal-paternita' naturali, hemm bzonn li jikkonkorru tliet konsiderazzjonijiet, jigifieri – (1) Illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment, dak li lilu tkun attribwita l-paternita' kellu kummerc karnali ma' l-omm it-tarbija; (2) Illi l-omm, fiz-zmien fuq imsemmi, ma kelliex relazzjonijiet ma' hadd iehor; (3) Illi fl-istess zmien, u anki precedentement, hija*

*tkun giebet ruhha b'mod tali li tkun eskluza l-possibilta' morali li hija kellha relazzjonijiet ma haddiehor.*

*Il-kelma "precedentement" uzata fil-gurisprudenza Maltija, a propozitu tat-tielet rekwizit, giet interpretata bhala li tirriferixxi ghal zminijiet vicini ghaz-zmien tal-koncepiment, u mhux ghal kwalinkwe zmien anterjuri."*

Fuq l-istess linja ta' hsieb hija s-sentenza **Adelaide Ore noe. vs Barry Corrison et.** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 1953:-

"*F'ricerka simili, il-morigeratezza ta' l-omm hi relativa, u ghandha tiftiehem fis-sens li hija ma tkunx uriet kostumi facili qrib il-koncepiment u fil-kors tal-gravidanza; u l-gudikant ghandu juza cirkospezzjoni kbira, billi l-prova ta' l-elementi msemmijin ghandha tirrizulta minn provi gravi, precizi u konkordanti; imma dan ma jfissirx illi l-azzjoni ghandha tigi respinta, specjalment meta r-relazzjonijiet illeciti huma ammessi mill-pretiz missier, semplicement ghaliex tirrizulta leggerezza fil-kondotta ta' l-omm, u meta tonqos il-prova li fi zmien bejn wiehed u iehor qrib ghall-koncepiment setghet kellha dawk ir-relazzjonijiet ma' ragel iehor.*"

Illum il-gurnata il-ligi stess tipprovdi dwar it-test xjentifiku bhala prova b'valur probatorju ta' l-ghola livell tant li jissemma specifikatament f'diversi artikoli tal-Kodicivi Civili.

**L-Eccezzjoni tal-konvenuti C B u EF G.**

Minn erba' eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti B u G, wahda kienet giet irtirata, u tnejn michuda b'zewg sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta, l-ewwel wahda cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, it-tieni wahda iddikjarat li l-konvenuta C B ma kellhiex stat li jaqbel mac-certifikat tat-twelid taghha li qed jigi impunjat mill-attur u li ghalhekk l-attur seta jistitwixxa l-kawza ta' *denegata paternita'.*

Jibqa' biss eccezzjoni wahda x'tigi trattata u deciza:

"…..biex l-azzjoni ta' denegata paternita' tirnexxi jehtieg li jkunu prezenti l-elementi u l-provi kollha rikjesti mill-Ligi, specjalment in vista tan-natura tal-azzjoni li hija serja u delikata u certament tinfluwixxi fuq il-hajja tal-esponenti C B."

Il-linja ta' difiza li hadu iz-zewg konvenuti G u B hi li filwaqt li ma cahdux formalment il-pretensjoni tal-attur li hu mhux missier il-konvenuta C B, eccepew li t-talbiet attrici m'ghandhomx jigu akkolti jekk l-attur ma jirnexxielux iressaq il-provi kollha rikjesti mil-ligi f'kawzi ta' din ix-xorta.

Ghalkemm l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jargumenta illi stante li l-konvenuti tul il-kors tal-kawza strahu biss fuq il-presunjon tal-paternita' stabbilita mill-Artikolu 67 tal-Kap. 16, ghandhom allura jitqiesu li ammettew it-talbiet attrici. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-eccezzjoni in dizamina ma tistax titqies bhala ammissjoni izda kontestazzjoni tat-talbiet attrici.

**Il-Ligi dwar l-Azzjoni ta' Denegata Paternita'**.

Skont l-**Artikolu 70 (1) (d) tal-Kap. 16** kif vigenti llum, sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu ta' *denegata paternita'* jehtieg li:

***1) Jipprova li martu dak iz-zmienm, il-konvenuta EF G, ghamlet adulterju fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-konvenuta C B; u***

***2) Jipprova xi fatt iehor, li jista' jkun rizultat ta' testijiet u provi genetici u xjentifici 'li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'.***

**L-Adulterju fiz-zmien bejn it-300 jum u l-180 jum qabel it-twelid**.

Mhux kontestat bejn il-partijiet illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel il-jum tat-twelid tal-konvenuta C B, il-konvenuta EF G, filwaqt li kienet

mizzewga lill-attur A B kellha relazzjonijiet intimi ma' Albert G, li snin wara sar ir-ragel taghha.

Il-konvenuta EF G ammettiet tul ix-xhieda taghha illi fiz-zmien in kwistjoni hija kellha relazzjonijet intimi ma' Albert G minn darba sa darbtejn fejn intuza l-metodu hekk imsejjah 'withdrawal'.

Il-konvenuta EF G issostni ghalhekk illi ma jistax ikun li l-konvenuta C B hija bint Albert G.

Fil-fehma tal-Qorti, x'metodu intuza waqt l-att intimu, mhux strettament rilevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza. Il-vot tal-ligi jirrikjedi il-prova tal-adulterju u mhux l-adulterju minghajr protezzjoni. Anke kieku l-konvenuta EF B u Albert G uzaw kontracettivi aktar siguri, l-adulterju gie kommess u l-vot tal-ligi sodisfatt. F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi huwa universalment accettat li l-ebda kontracettiv ma hu sigur mija fil-mija. Certament illi dak hekk imsejjah "withdrawal" huwa mill-anqas effettivi fosthom.[24]

Ghaldaqstant l-attur irnexxielu jipprova sal-grad li tirrikjedi l-ligi li l-konvenuta EF G ikkommettiet adulterju fiz-zmien li l-konvenuta C B giet konceputa.

**Provi ohra li x'aktarx jeskludu li l-attur A B huwa missier il-konvenuta C B**.

Zewg osservazzjonijiet inizjali.

L-ewwel osservazzjoni. F'kawza bhal dik odjerna, mhux mehtieg li jigi ppruvat min hu effettivament il-missier naturali. Sufficjenti li jigi ppruvat li l-attur mhux il-missier naturali tal-persuna li fuq ic-certifikat tat-twelid taghha huwa indikat bhala l-missier.

It-tieni osservazzjoni. Il-ligi mhijiex tezigi l-prova dijabolika jew il-prova li twassal ghal certezza minghajr dubju dettat

[24] Skond ricerka Amerikana kondotta mill-organizzazzjoni *Planned Parenthood,* jekk il-'withdrawl' huwa uzat tajjeb hemm cans ta' 4% li l-mara tohrog tqila, filwaqt li jekk ma jintuzax tajjeb hemm cans ta' 25% li l-mara tohrog tqila.

mir-raguni. Il-kelma adoperata fl-artikolu rilevanti f'dan ir-rigward hi "x'aktarx". Dan ifisser illi l-livell ta' prova rikjest huwa dak mistenni f'kawza ta' natura civili ordinarja.

**Il-Livell tal-Prova fil-Kamp Civili.**

Huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza nostrana illi "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq is-semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet" (**Eucharistico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino -** Appell Kummerc. – 25 ta' Frar 1952)

Meta ghandek zewg verzjonijiet kontrastanti inghad illi "Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-verzjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabiltajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo"." (**Enrico Camilleri vs. Martin D** – Qorti tal-Appell – 17 ta' Marzu 2003)

Huwa biss meta z-zewg verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet huma tant bilancjati li ma jitfghu l-ebda preponderanza ta' probabiltajiet, la fuq naha u lanqas fuq ohra li jaslu biex jinnewtralizzaw lill-xulxin, li l-gudikant ikun jista' jasal ghall-konkluzzjoni li l-attur ma jkunx irnexxielu jressaq provi sufficjenti sal-grad li trid il-ligi. "Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjoni tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq il-preponderanza ta' probabiltajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu." (**Vincent Rausi vs. Joseph Muscat** – Prim' Awla – 5 ta' Ottubru 1992).

Analizzati l-provi imressqa fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata, insibu min-naha l-wahda ix-xhieda tal-attur li jammetti li fiz-zmien rilevanti huwa kellu relazzjoni intima wahda mal-konvenuta fejn uza l-metodu imsejjah “withdrawal” filwaqt li l-konvenuta xehdet li kellha tali relazzjoni intima mal-attur kif ukoll relazzjoni intima ma’ Albert G bl-istess modalita’ minn darba sa darbtejn.

Sa hawn wiehed jista’ jargumenta li l-provi tal-partijiet jinnewtralizzaw lil xulxin u li ma hemmx perponderanza ta’ probabiltajiet la fuq naha u lanqas fuq ohra.

**It-Test tad-DNA**.

Pero’ l-attur ressaq bhala xhud lill-Professur Dirnhofer li fis-sena 1990 kien ezegwixxa t-testijiet tad-DNA fuq l-attur u fuq il-konvenuta C B. Skont il-Profesur Dirnhofer, awtorita’ fuq is-suggett in dizamina, it-testijiet tad-DNA kondotti minnu ghal darba darbtejn jeskludu li l-attur huwa l-missier bijologiku tal-konvenuta C B.

Il-konvenuti B u G ma resqu l-ebda prova kontra l-prova xjentifika mressqa mill-attur.

Hemm imbaghad provi cirkostanzjali ohra li juru li l-attur sa mill-bidu nett ikkontesta l-paternita’ tieghu fir-rigward tal-konvenuta C B. Mill-bidu nett qies li C B ma kinitx bintu naturali imma frott ta’ relazzjoni adultera ta’ martu. Ix-xhur li dam sabiex l-attur mar jirregistra it-twelid taghha fir-Registru Pubbliku huma wahedhom indikazzjoni tal-animu tal-attur fir-rigward sa mill-ewwel darba li sar jaf li l-konvenuta G kienet tqila b’C. Hemm imbaghad l-insistenza tieghu sa mill-bidu nett sabiex isiru testijiet xjentifici li x-xjenza dak iz-zmien kienet tippermetti permezz ta’ analizi tad-demm.

Min-naha l-ohra hemm ir-rifjut kostanti matul dawn il-proceduri gudizzjarji da parti tal-konvenuta B li toqghod ghat-test tad-DNA.

Il-prova xjentifika saret mill-attur permezz tar-rapport tad-DNA maghmul mill-Professur Dirnhofer fis-sena 1990.

Kontra dan ir-rapport ma tresqu l-ebda provi mill-konvenuti. Ghalkemm fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti B u G jitfghu dubji dwar l-attendibilita' ta' tali rapport u jghidu li "ghandhom dubji serji dwar kemm dan it-test wiehed jista' joqghod fuqu", filwaqt li C B tilmenta li "hija ma nghatatx mezz sabiex tikkontrolla u tikkonferma illi l-kampjun uzat fil-fatt kien dak mittiehed minnha", l-istess C B kompliet tirrifjuta sa l-ahhar matul dawn il-proceduri milli taghti kampjun genetiku biex isir it-test tad-DNA taht l-awtorita' tal-Qorti. Tant kienet determinata li t-test tad-DNA ma jsirx waqt din il-kawza illi ddikjarat fl-atti li jekk il-Qorti kienet ser tilqa' t-talba tal-attur sabiex tinhareg ordni biex jittiehed minn fuq il-persuna taghha kampjun genetiku ghall-finijiet tat-test tad-DNA, hija kien behsieba tikkontesta tali ordni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Kien ghalhekk li l-attur irtira t-talba li kien ghamel sabiex tinhareg ordni halli jittiehed kampjun genetiku minn fuq il-persuna tal-konvenuta C B filwaqt li spjega li kien qed jirtira t-talba ghal tali ordni sabiex dawn il-proceduri gudizzjarji jkunu jistghu jitwasslu ghat-tmiem taghhom.

Fil-fehma tal-Qorti ir-rapport tad-DNA tal-1990 maghmul bil-kunsens tal-konvenuta C B meta kellha madwar tlieta u ghoxrien sena huwa ammissibbli bhala prova u jissodisfa dak rikjest bl-Artikolu 70 fir-rigward ta' rizultati ta' testijiet u provi genetici u xjentifici kif ukoll dak rikjest bl-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.".

Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti illi min jonqos milli jipprova dak minnu allegat jimpera l-principju "actor non probante, reus absolvitur" u l-konvenut mhux tenut iressaq provi kontrastanti in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu. (**Andrew Dalli vs Michael Balzan noe.** – Qorti Civili, Prim' Awla – 31 ta' Jannar 2003). Izda meta l-attur iressaq provi in sostenn tat-tezi tieghu li wahedhom kapaci jnisslu fil-gudikant il-konvinciment morali necessarju biex jasal ghal decizzjoni, jitnissel fil-konvenut l-oneru li jressaq provi kontrastanti in sostenn tad-difiza

tieghu. Altrimenti difiza li tirrigwarda principalment apprezzament ta' provi difficli jkollha success minghajr sostenn ta' provi li jsostnuwha.

Ma tresqu l-ebda provi da parti tal-konvenuti li b'xi mod ipoggu in dubju il-professjonalita' u l-awtenticita' tal-imsemmi rapport xjentifiku. Id-dubju espress mill-konvenuti fir-rigward huwa fil-fehma tal-Qorti kapriccuz u frivolu in kwantu kull ma kellha taghmel il-konvenuta B sabiex telimina id-dubju li tghid li ghandha kien li tipprovdi kampjun genetiku mhux invaziv bil-mezz ta' 'buccal swab' u fi ftit hin id-dubju kien jigi eliminat. Inoltre mhux verosimili li l-attur kien ser jitlob li jsir test tad-DNA falsifikat meta tali rizultat falz kien tant facli li jigi skopert u dan peress li d-DNA tal-konvenuta B twieled maghha u ser imut maghha.

Kif gie dikjarat fil-kawza **Joseph Camilleri vs C Camilleri et**. deciza mill-Qorti Civili, Prim' Awla[25]: "Fl-istat attwali tal-gharfien u tal-progress xjentifiku ir-rizultat ta' tali testijiet jaghmel prova efficjenti, u shiha tal-ezistenza, jew le, tar-rapport tal-filjazzjoni. In effetti l-prova genetika jew dik tad-demm kapaci jeskludu b'certezza l-paternita' fejn jirrizulta dik l-inkompatibilita' assoluta bejn il-gruppi kromosomici jew il-gruppi tad-demm."

Stabbilit li r-rapport tad-DNA ta' Profs. Dirnhofer huwa prova ammissibbli ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kap. 16, kien jispetta lill-konvenuti illi jresqu provi sabiex ixejnu l-valur probatorju ta' tali rapport. Fil-kamp civili, a differenza tal-kamp penali, ma hemmx id-dritt tas-silenzju. Rinfaccjati bil-prova tad-DNA imressqa mill-attur, li l-konvenuti jikkontestaw, la talbu li r-rizultati tal-Professur Dirnhofer jigu ezaminati minn espert tal-Qorti u lanqas talbu in-nomina ta' espert tal-Qorti sabiex jikkonduci ezamijiet tad-DNA b'mod indipendenti.

**Decide.**

[25] 31 ta' Jannar 2003

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li l-attur irnexxielu jressaq provi sufficjenti sal-grad li trid il-ligi li jippruvaw illi l-attur A B mhux il-missier bijologiku tal-konvenuta C B.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti B u G li kienet ghadha mhijiex deciza kif indikat u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur billi tiddikjara illi l-ewwel u t-tieni eccezzjoni huma ezawriti filwaqt li tilqa’ t-tielet ecccezzjoni u tiddikjara li t-tibdil rikjest mill-attur mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku,

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenuta C B gia’ D li twieldet mill-konvenuta EF G fl-4 ta’ Lulju 1967, mhijiex bint l-attur A B.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid tal-konvenuta C B gia’ D li jgib in-numru ta’ iskrizzjoni 681/1968 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-attur A B u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellati minn fuq l-imsemmi Att tat-Twelid u minflok jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”, kif ukoll jigu kancellati l-kliem “the said” mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta’ l-omm.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti C B u EF G.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------